**28 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Charles Portelli ne.

*versus*

Avukat Dr. Spiridione Camilleri

**Bejgħ — Vizzji Moħbija — Preskrizzjoni — Azzjoni Redibitorja.**

*Meta l-ħaġa mixtrija hi vizzjata jew difettuża, ir-rimedju għax-xerrej hu kostitwit biss bl-azzjoni redibitorja.*

*Din l-azzjoni tikkostitwixxi rimedju, jekk mhux fl-essenza, ċertament fid-dixxiplina tagħha, affattu singulari, u għandha tiġi applikata unikament fil-każijiet ta' vizzji jew difetti okkulti; mentri l-azzjoni "in risoluzione" tikkompeti in ġenere għal kull forma oħra ta' inadempiment, eċċettwata appuntu dik konsistenti fil-fatt li l-ħaġa tkun vizzjata jew difettuża.*

*It-terminu li fih tista' tiġi eżerċitata din l-azzjoni redibitorja jiddekorri minn dak inhar li seta' jkun li x-xerrej jikxef id-difett.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £45, prezz ta' tliet forom — "Hollow Block Moulds" — lill-istess konvenut mibjugħa u konsenjati fl-ewwel ta' April 1958; bl-interessi kummerċjali; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi għandu jħallas biss il-prezz ta' forma waħda, jiġifieri ta' dik tad-disgħa pulzieri "single", u ma għandux jagħti taż-żewġ forom l-oħra, peress li dawn mhumiex tajbin għall-fini tax-xiri, jiġifieri mhumiex tajbin biex jinħadmu "hollow blocks" bihom;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Kif faċilment jidher minn noti tal-kontendenti, l-attur jippretendi li l-eċċezzjoni tal-konvenut, fis-sens li ż-żewġ forom fuq riferiti mhumiex tajbin għall-fini tax-xiri tagħhom, tfisser li dawk il-forom huma affetti minn vizzju redibitorju, u kwindi din l-eċċezzjoni ma tistgħax tiġi aktar sollevata minħabba d-dekadenza — il-liġi tgħidilha preskrizzjoni — komminata fl-art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili;

Il-konvenut, minn naħa l-oħra, jippretendi illi l-eċċezzjoni hi differenti mill-allegazzjoni ta' vizzju okkult, u li kwindi mhumiex applikabbli għaliha r-regoli tal-garanzija għall-vizzji redibitorji;

Skond il-provi li ressaq il-konvenut, iż-żewġ forom ma jaħdmux sewwa, billi l-mattonella ossija blokka tal-konkos ma toħroġx minnhom, imma tibqa' fihom imwaħħla. Għalhekk, skond l-istess konvenut, il-forom għandhom xi difett, u dan id-difett jirrendihom mhux tajbin għall-fini tax-xiri tagħhom; fi kliem ieħor, għall-użu li għalieh huma destinati;

Dan id-difett — jekk tassew eżistenti — hu difett okkult, gravi u pre-eżistenti. Hu veru li bil-prova jista' jiġi konoxxut; u sebbene hu wkoll veru li, kif issottometta l-konvenut, ġie ritenut f'sentenza tal-Qrati Tagħna "che i vizi che possono essere conosciuti mediante la prova della cosa venduta non possono essere considerati come vizi occulti", iżda dan hu veru in linea di massima, għaliex, kif jgħid Tartufari:— "Ogni qualvolta la stipulazione del contratto sia avvenuta senza che il compratore abbia potuto esaminare la cosa, sia perchè questa non fosse presente, sia perchè la immediata verifica ne fosse materialmente impossibile, sia infine perchè fosse negli speciali accordi fra le parti o negli usi che non si fosse a procedere fuorchè solo più tardi, anche i vizi per propria natura apparenti vogliono essere considerati come occulti, appunto perchè al momento della vendita il compratore fosse nell'impossibilità di conoscerli". U Baudry-Lacantinerie-Saignat jgħidu:— "Bisogna dare una soluzione differente", għal fuq

imsemmi prinċipju ġenerali, meta, fost każijiet oħra li hawnhekk ma hemmx bżonn jiġu menzjonati, "non si può apprezzare se la cosa è atta all'uso cui è destinata se non impiegandola a quest'uso";

Meta l-ħaġa hi vizzjata jew difettuża, ir-rimedju hu kostitwit biss mill-azzjoni redibitorja. U difatti, hawn qegħdha d-differenza bejn l-azzjoni "in risoluzione" u l-azzjoni redibitorja, jiġifieri in kwantu li din tal-aħħar tikkostitwixxi rimedju, jekk mhux fl-essenza, ċertament fid-dixxiplina tagħha, affattu singulari, li għandha tiġi applikata unikament fil-każijiet ta' vizzji jew difetti okkulti, fil-waqt li l-azzjoni "in risuluzione" tikkompeti in ġenere għal kull forma oħra ta' inadempiment, eċċettwata appuntu dik konsistenti fil-fatt li l-ħaġa tkun vizzjata jew difettuża;

Ir-riljevi u ċ-ċitazzjonijiet l-oħra magħmula mill-konvenut fl-imsemmija nota tiegħu ma jagħmlux għall-każ preżenti, għaliex jirrigwardaw, jew huma in konnessjoni ma' każijiet ben diversi, każijiet ta' vendita bil-patt, riżultanti minn ftehim jew mill-użu tal-prova jew tal-assaġġ;

Fil-każijiet fuq riferiti, u kwindi fil-każ preżenti, li hu bħalhom, it-terminu li fih tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni redibitorja jiddekorri skond il-liġi minn dak inhar li seta' jkun li l-kumpratur jikxef id-difett;

Mill-provi jirriżulta illi, meta l-attur eżerċita l-azzjoni odjerna u l-konvenut ikkumbattiha bl-eċċezzjoni riferita, id-dritt tal-istess konvenut għall-propożizzjoni tar-redibitorja, jew tal-"quanti minoris", kien estint bid-dekors taż-żmien fuq imsemmi; u allura l-konvenut ma setgħax jopponi la l-waħda u lanqas l-oħra; l-anqas in vija ta' eċċezzjoni, il-għaliex il-massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" il-lum ma tikkostitwix prinċipju u regola ġenerali, lanqas f'materja ta' preskrizzjoni; u ad ogni modo hi ċertament inapplikabbli f'tema ta' dekadenza, u hu paċifiku ormai anki fil-ġurisprudenza tagħna illi t-terminu stabbilit għall-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet — redibitorja u "quanti minoris" — ma għandux bl-ebda mod jiġi rigwardat bħala sempliċi preskrizzjoni estintiva, imma bensi bħala vera u proprija dekadenza;

Respinta din l-eċċezzjoni, it-talba attriċi għandha tiġi milqugħa, għaliex ebda eċċezzjoni oħra ma ġiet sollevata kontra tagħha, u del resto hi ġustifikata bil-ġurament tal-attur Charles Portelli;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza.